# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207


## IL-VOKAZZJONI

Fid-dinja tal-lum diffiċli nitkellmu dwar sejħa ta' Alla, għaliex kollox iffukat fuq id-dritt li nirnexxu, l-aktar fil-qasam finanzjarju. Hekk il-vokazzjoni bħala sejħa minn Alla għall-qadi tista' tidher bħala tnaqqis tal-libertà u tas-suċċess tal-bniedem.

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Il-Papa fil-Messaġġ għal Jum il-Vokazzjonijiet ta' din is-sena jgħid:

*"Is-sejħa tal-Mulej mhijiex indħil ta' Alla fil-libertà tagħna; mhix 'gaġġa' jew madmad li jinxteħet fuq daharna. Bil-maqlub, hi l-inizjattiva kollha mħabba li biha Alla jiġi jiltaqa' magħna u jistedinna nidħlu fi proġett kbir...*

*Fil-fatt, ix-xewqa ta' Alla hi li ħajjitna ma ssirx ilsira tal-ovvju, ma tisfax imkaxkra minħabba fit-telqa tagħha għad-drawwiet ta' kuljum u ma tibqax passiva quddiem dawk l-għażliet li jistgħu jagħtuha sens. Il-Mulej ma jridniex nirrassenjaw ruħna li ngħixu biss għal dik il-ġurnata".*



### LEST TIRRISKJA?

Il-Papa jkompli jgħid li biex tagħżel, trid tkun lest li tirriskja kollox:

*"L-ewwel dixxipli, xħin semgħu s-sejħa tiegħu biex jieħdu sehem f'ħolma ikbar, 'minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh' (Mk 1:18). Dan ifisser li biex nilqgħu s-sejħa tal-Mulej hemm bżonn nirriskjaw b'dak kollu li aħna u bis-sogru li naffrontaw sfida li qatt ma ħabbatna wiċċna magħha qabel; hemm bżonn nitilqu minn idejna dak kollu li jrid iżommna marbuta mad-dgħajsa ċkejkna tagħna, u ma jħalliniex nagħmlu għażla defenittiva".*

### MARIJA TGĦALLIMNA

Il-bżonn tas-smigħ qiegħed kulma jmur jikber. Dan jgħodd kemm għall-bżonn li nisimgħu lil xulxin, iżda iktar u iktar għall-bżonn li nisimgħu lil Alla jitkellem. Marija kienet tasal li tibqa' fl-għażla tar-rieda ta' Alla għax kienet mara li tisma'.

Kulħadd għandu vokazzjoni, anki marid jew anzjan ġo sodda. Jeħtieġ kollha kemm aħna nsibu ħafna iktar ħin għall-istudju tal-Kelma ta' Alla u d-dixxerniment dwarha. Hekk l-għażliet tagħna jkunu iktar frott sejħa milli frott il-mument u l-kumbinazzjoni.

*Inħeġġiġkom tkabbru d-devozzjoni qaddisa tal-Erbgħat ta' Marija Mtellgħa s-Sema. Hi turina t-triq tal-Vokazzjoni tagħna.*

## Se jibdew il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ



**Meta:** Mill-Ħamis 16 ta' Mejju 'l quddiem
**Xħin:** Fit-8.00pm
**Għal min?** Kulħadd hu mistieden

Din is-sena se nippruvaw noffru quddiesa fit-8.00pm għal dawk kollha li jixtiequ jgħixu l-Ħamisijiet ta' San Ġorġ bi tħejjija għall-Festa. Dan minħabba l-fatt li l-ġurnata hi kollha mimlija b'attivitajiet. Fl-ewwel Ħamis l-Arċipriet iħabbar il-proġetti għal din is-sena.

Filwaqt li nistednukom tagħmluhom kollha, f'kull ġimgħa se nitolbu għal grupp ta' toroq mill-Parroċċa tagħna. Għal dan il-għan, meta jkun imiss, nitolbu għat-toroq fejn tgħixu intom. Se tirċievu stedina speċjali mal-Bullettin.

Nistedinkom u nħeġġiġkom ma tiqfux **TITOLBU GĦALL-VOKAZZJONIJIET** mill-Parroċċa tagħna, b'mod speċjali għal Samuel Aquilina u Ġorġ Pisani li qegħdin fil-mixja ta' formazzjoni għas-saċerdozju. Dawn għandhom ikunu kontinwament fit-talb tagħna.

**Il-Ġabra għall-Fondazzjoni Arka fl-aħħar *weekend* fil-Bażilika laħqet is-somma sabiħa ta' €1,000. Grazzi tal-ġenerożità!**

| | | |
|---|---|---|
| **KRONAKA** | **04-05-2019** | Nifirħu lil KEVIN PISANI u LORNA SACCO li ngħaqdu fiż-Żwieġ. |

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES** — AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM

| | |
|---|---|
| 12-05-2019 | Rita u l-Familja Farrugia |
| 13-05-2019 | Joseph, Rita, Ninu, Giovanna u l-Familja Ballucci |
| 14-05-2019 | Mons. Giovanni Frendo |
| 15-05-2019 | Ġużeppa u Toni Borg |
| 16-05-2019 | Ġużeppa Farrugia |
| 17-05-2019 | Bernardu u Ġuża Masini |
| 18-05-2019 | Concetta, Ġużepp u Carmelo Scerri |